# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM 15 ta' Diċembru 2020

**Rikors Nru. 1105/13 GM**

**Emilia Schembri (ID 343556M) u żewġha Joseph Schembri (ID 546159M) għal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**1. Arriva Malta Limited u b' digriet tat-12 ta' Jannar, 2015 issa ġiet taqra Malta Public Transport Services (Operations) Limited**

**2. Allcare Insurance Limited u b'nota tal-21 ta' Ġunju, 2017, Mapfre Middlesea Plc assumiet l-atti tal-kawża minflok Allcare Insurance Limited**

**3. Peter Cilia**

**4. Untours Insurance**

**Il- Qorti,**

Rat ir- rikors ġuramentat li permezz tiegħu, wara li l-atturi ppremettew illi:-

1. Fil-11 ta' Settembru, 2012 l-attriċi kienet passiġġiera fuq xarabank tal-kumpanija intimata Arriva Malta Limited bin-numru BUS 420, assigurata mas-soċjetà intimata Allcare Insurance Limited.
2. F'dak il-waqt, seħħ inċident fi Triq Sant'Anna, Floriana, ma' vettura targata KBC 618, misjuqa mill-konvenut Peter Cilia u assigurata mas-soċjetà intimata Untours Insurance, u b'konsegwenza diretta ta' l-istess inċident, l-attriċi sofriet debilita` permanenti.
3. Dan l-inċident seħħ unikament minħabba tarskuraġni, negligenza, imperizja, veloċità eċċessiva u nuqqas t'osservanza regolamenti tat-trafikku.
4. B'riżultat dirett tal-imsemmi inċident l-attriċi sofriet telf ta' qliegħ, diżabilita` permanenti u danni konsegwenzjali;
5. Il-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni anke permess ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Settembru, 2013 (Dokument A anness) iżda baqgħu inadempjenti għalhekk kellha issir din il-kawża.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Settembru, 2012 fi Triq Sant' Anna, Floriana, li fih korriet l-attriċi.

(2) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi bħala konsegwenza tal- inċident fuq riferit, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu dak l-ammont hekk likwidat.

B'riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Settembru, 2013 u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited li eċċepiet li mhijiex il-leġittimu kuntrattidur stante illli hija mhijiex is-soċjetà assiguratriċi illi tkopri l-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 420, kif erronjament indikat mill-attriċi.

Rat ir-Risposti Maħlufa ta' Untours Agency Ltd u ta' Peter Cilia rispettivament li eċċepew li Peter Cilia ma kienx responsabbli għall-inċident.

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' Arriva Malta Ltd li eċċepiet li mhix leġittimu kontradittur u li fi kwalunkwe każ la hi u lanqas l-ebda mpjegat tagħha ma jaħti għall-inċident.

Rat il-provvediment tagħha fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2016 li permezz tiegħu ħatret lit-tabib kirurgu Melvin J. Gouder bħala espert mediku u ordnatlu jiddetermina jekk b'rabta mal-inċident mertu ta' dan il-każ, l-attriċi ġarrbitx debilita` li ma tgħaddix u jekk fl-affermattiv liema perċentwali.

Rat ir-rapport tal-istess espert ippreżentat fil-5 t'April 2018.[1]

Rat l-atti l-oħrajn tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-inċident. Jirriżulta li kemm ix-xarabank kif ukoll il-vettura tal-konvenut Peter Cilia kienu mixjin fi

[1] Fol 166

Triq Sant'Anna, il-Furjana fl-istess direzzjoni u ċjoe` fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Ix-xarabank kien fil-*bus lane* u ċjoe` fil-karreġġjata tax-xellug nett tat-triq filwaqt li l-karozza tal-konvenut kienet fil-karreġġjata ta' maġembu. Il-*bus lane* kienet iddur lejn ix-xellug billi tisporġi fi Triq Sarria. Ix-xarabank iżda baqgħet miexja għad-dritt fi Triq Sant'Anna u għalhekk in-naħa tal-lemin ta' quddiem tagħha ħareġ mill-*bus lane* filwaqt li l-bqija tax-xarabank inkluż in-naħa tax-xellug kien għadu fil-*bus lane* meta seħħet il-ħabta. Ix-xufier tax-xarabank xegħel l-indicator biex jissenjala li kien sejjer jibqa' miexi għad-dritt. Jgħid li Triq Sarria kienet magħluqa bil-barrikati minħabba l-attivitajiet ta' Jum l-Indipendenza għalkemm il-pulizija ma jagħmlu l-ebda aċċenn għal dan fl-iskizz tagħhom. Il-punt tal-impatt kien bejn il-kantuniera tan-naħa tal-lemin tax-xarabank u fil-ponta tal-ġemb xellugi tal-vettura tal-konvenut ("mal mudguard ta' quddiem fil-ponta biss"[2]). Il-vettura tal-konvenut daret lejn ix-xellug biex tidħol fi Triq Sarria. Din il-Qorti, kif preżentement ippreseduta, kellha l-okkażjoni li tisma' lill-konvenut jixhed in kontro-eżami. Minn dak li xehed u mill-komportament tiegħu jidher ċar li ma kienx qiegħed iżomm *a proper look-out.* Mistoqsi, l-ewwel xehed li ma kienx jaf bil-lights li kien hemm ftit distanza 'l bogħod minn fejn seħħet il-ħabta u li kien għadu kif qabeż[3], imbagħad qal li kemm il-vettura tiegħu kif ukoll ix-xarabank qabżu l-lights flimkien. Qal ukoll li kien inqas minn tlett pulzieri bogħod mix-xarabank. Hu lewa għal fuq ix-xarabank għaliex assuma li x-xarabank kien se jilwi lejn Triq Sarria wkoll. Kif inhu notorju, vettura li tbiddel id-direzzjoni għandha toqgħod ferm attenta meta tinġerixxi ruħha fil-flow of traffic għaddej għad-dritt. Li kieku l-konvenut kien qiegħed jagħti l-attenzjoni l-iktar minima għal dak li kien qiegħed jiġri madwaru, kien jinduna li x-xarabank kien għaddej għad-dritt. Minflok, huwa qabad u kiser għal fuq ix-xarabank mingħajr ma ndenja jara x-xarabank fejn kien sejjer. Filwaqt li s-sewwieq tax-xarabank induna bil-manuvra li kien qiegħed jagħmel

[2] fol 208
[3] fol 209

il-konvenut u żamm il-brejk, il-konvenut induna bil-ħabta biss mal-impatt. Hu kien isuq bi speed ferm baxx maġemb ix-xarabank, kważi jħokk magħha, u għalhekk kellu joqgħod ferm iżjed attent.

Il-Qorti għalhekk issib lil Peter Cilia unikament responsabbli għall-inċident.

L-espert mediku eżamina lill-attriċi fit-8 ta' Marzu 2018 u ċjoe` kważi sitt snin wara l-inċident. Irrapporta li l-attriċi qaltlu li kellha emorraġija minnufih wara l-inċident, u li sussegwentement għamlet operazzjoni tal-katarretti li kif previst kellha suċċess minimu minħabba l-emorraġija. Irrimarka li pazjenti mijopiċi ikollhom riskju ogħla ta' emorraġija makulari li tissejjaħ *Fuck's spot.* Din tista' sseħħ kemm spontanjament kif ukoll minħabba trawma fl-għajn. Ma setax jikkonkludi jekk l-emoraġija seħħitx spontanjament inkella bit-trawma tal-inċident għaliex billi kienet ilha hemm għal ħafna żmien u fil-fajl mediku ma kien hemm xejn, ma setax jgħid jekk it-trawma kinitx hemm minn qabel. Iż-żmien li seta' kien ilha hemm it-trawma possibilment kienet tikkoinċidi mad-data tal-inċident. L-espert ma tax persentaġġ ta' diżabilita` fir-rapport tiegħu.

Fuq insistenza tal-Qorti, l-espert ġie prodott in eskussjoni fl-24 ta' Settembru 2020. Xehed li l-vista fl-għajn ix-xellugija kienet ħażina ħafna, tant li fiċ-ċrieki mediċi tissejjaħ "*legally blind.*" Fil-fehma tiegħu, "din setgħet kellha din il-problema qabel u bid-daqqa ġiet agħar u jiena mill-esperjenza naħseb li hekk ġara. Kienet suxxettibbli kellha riskju, qalgħet id-daqqa u ġietha agħar milli kienet pero` kif kienet qabel ma nafx għax ovvjament ma kontx rajtha qabel. Li hu żgur li *currently her vision is very poor mil-left eye only* eh u *mir-right eye* li ma kinitx involuta fl-aċċident, ukoll għandha l-vista batuta li hija 6/18."

Kompla jixhed li:

(1) biex wieħed japprezza x'inhi s-sitwazzjoni, is-sinjura mhix tajba biex issuq.

L-għajn ix-xellugija topera 90% inqas u l-għajn il-leminija 50% inqas. Overall visual disability jikkalkulaha 70%.

(2) emoraġija tista' tiġi kkawżata minn (i) trawma (ii) eta` jew (iii) short-sightedness u tista' wkoll tkun (iv) spontanja.

(3) aktarx l-għajn il-leminija kienet topera 50% sa minn qabel l-inċident. Fuq l-ipotesi li l-għajn ix-xellugija kienet wkoll 50% funzjonali qabel l-inċident, l-*overall visual disability* kienet tkun ta' 50% qabel l-inċident u overall physical disability tkun bejn 20% u 25%. Ix-xhud ta' dan l-aħħar persentaġġi anke jekk iktar qabel fix-xhieda tiegħu kien riluttanti biex jagħti figura billi mhux familjari mas-suġġett u hu espert biss fuq il-*visual disability*.

Il-Qorti tinnota li meta l-espert ikkonkluda li ma kienx f'qagħda li jikkonstata jekk l-emoraġija kinitx effett ta' trawma inkella ta' kawża oħra bħall-eta`*, short-sightedness* jew spontanjeta`, kien qiegħed jagħmel dan l-eżerċizzju mil-lat kliniku. Fi kliem ieħor klinikament ma setgħax jorbot l-inċident u d-diżabilita` bħala kawża u effett. L-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti iżda mhuwiex eżerċizzju bbażat biss fuq konstatazzjonijiet kliniċi – għalkemm dan seta' għen li kieku l-emoraġija setgħet kienet attribwibbli biss għal trawma, jew bil-maqlub li kieku t-trawma u l-emoraġija ma setgħux ikunu konnessi – imma wieħed ibbażat kemm fuq ir-riżultanzi mediċi flimkien mal-provi l-oħrajn akkwiżiti fil-proċess ġudizzjarju. Jirriżulta lill-Qorti li qabel l-inċident, is-sinjura ma kellha l-ebda problema partikolari f'għajnejha, għajr li kienet, bħal ħafna oħrajn, *short-sighted.* Anke jekk dan il-Qorti tikkonstatah mix-xhieda tal-attriċi stess, hija m'għandha l-ebda raġuni l-għala tiddubita l-veraċita` tagħha. Il-file mediku tal-isptar ma kien juri l-ebda problema anteċedenti. S'intendi jista' jkun li jkun hemm rekords f'xi sptar privat imma tenut kont tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika ferm modesta tal-attriċi, dan mhuwiex probabbli. L-emoraġija seħħet ftit wara l-inċident. Għalhekk fuq bażi ta' probabilita`, seħħet minħabba l-inċident, u mhux minħabba

xi fattur ieħor mill-erba' msemmija mill-espert mediku. Jirriżulta fuq bażi ta' probabilita` li l-visual impairment tal-attriċi tela' minn madwar 50% qabel l-inċident għal 70% minħabba l-inċident. Għalhekk kawża tal-inċident kien hemm żieda ta' 20% fl-*overall visual impairment.*

Il-Qorti m'għandhiex il-konfort ta' kalkolazzjoni tal-espert mediku dwar kif dan isarraf fl-*overall physical impairment*. Sejra għalhekk tqis li kien hemm 8% *impairment* fiżiku globali.

B'danakollu, a skans ta' ekwivoċi, il-Qorti tagħmilha ċara li mhix qiegħdha tgħid li jekk ikun hemm disabilita` anteċedenti, il-komputazzjoni tad-danni tista' dejjem issir xott xott permezz ta' sempliċi eżerċizzju matematiku, abbażi taż-żieda fir-rata ta' diżabilita`- anke jekk qiegħdha tagħmel hekk fil-każ preżenti. Kif jgħid il-Malti, hekk kif kull laqxa tirfed l-imramma, hekk ukoll bil-kontra t-tneħħija tagħha tista' ġġarraf il-binja. U kif jingħad fl-ilsien Ingliż, iż-żieda fid-diżabilita` taf tkun *the straw that broke the camel's back.* Id-danni jistgħu ikunu inqas, jew iktar min-normal, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fl-opra awtorevoli tiegħu, **Munkman**[4] iwissi li:

> "*...a lower assessment may be justified for a person who is already a permanent invalid without prospects of recovery. For example, the loss of a leg which is already paralysed cannot in the nature of things be compared with a similar loss sustained by a claimant in good health and in the prime of life. But an existing disability or old age often justifies a higher award, for instance, if a bad knee involves almost complete cessation of active life when a younger person would be able to overcome the handicap.*"

Fil-każ preżenti, wieħed irid iqis li probabilment, mingħajr l-inċident, l-operazzjoni tal-katarretti kienet tirnexxi u allura l-vista tal-attriċi mhux talli ma kinitx tmur lura, imma kienet tmur għall-aħjar.

[4] Munkman on Damages for Personal Injuries and Death, 2011, 12th ed., paragrafu s6.32, paġna 51. Ara wkoll is-sentenzi ivi ċitati – Frank v Cox (1967)li fih il-Qorti kkunsidrat li l-konsegwenzi ta' diżabilita` kienu iktar serji f'raġel ta' 77 sena u Mustard v Morris (1982) li rrifjutat l-argument li d-danni kellhom jitnaqqsu għaliex il-vittma kien diġa` serjament inkapaċitat.

Meta seħħ l-inċident l-attriċi kellha 56 sena u kienet taħdem bħala *cleaner*. Illum għandha 64 sena. Fl-affidavit tagħha tas-6 ta' Frar 2014 tgħid li b'konsegwenza li vista marret lura, kellha tieħu l-affarijiet iktar bil-kalma; saret tgħijja iktar malajr u kellha wkoll tnaqqas is-sigħat tax-xogħol. Ma tgħidx b'kemm. Il-Qorti sejra tapplika *multiplier* ta' 6 snin skorruti.

Paga minima fl-2012 – €165.68 fil-ġimgħa (għal ċirka tlett xhur peress li l-inċident ġara f'Settembru) ammontanti għal €2,153.84;
Paga minima fl-2013 – €162.19 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,433.88;
Paga minima fl-2014 – €165.68 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,615.36;
Paga minima fl-2015 – €166.26 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,645.52;
Paga minima fl-2016 – €168.01 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,736.52;
Paga minima fl-2017 – €169.76 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,827.52;
Paga minima fl-2018 – €172.51 fil-ġimgħa ammontanti għal €8,970.52;

**Total: €54,383.16**

€54,383.16 x 8% diżabilita` = **€4,350.65**.

L-attriċi ma ressqet l-ebda prova ta' *damnum emergens.*

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-każ billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-konvenut Peter Cilia huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Settembru, 2012 fi Triq Sant' Anna, Floriana, li fih korriet l-attriċi.

(2) Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi bħala konsegwenza tal-inċident fuq riferit fl-ammont ta' €4,350.65.

(3) Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti Peter Cilia u Untours Insurance in solidum bejniethom sabiex iħallsu dak l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali datata 5 ta' Settembru, 2013 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti Peter Cilia u Untours Insurance solidalment

bejniethom sad-data tal-ħlas effettiv.  Spejjeż  tal-konvenuti l-oħrajn a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA